

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/257

tas-6 ta' Frar 2023

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1412 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali ilang ilang mill-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson bħala addittiv tal-ikel għall-ispeċijiet kollha tal-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-additivi għall-użu tal-ġhalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-użu taż-żejt essenzjali tal-ilang ilang bħala addittiv fl-ġhalf ġie awtorizzat għall-ispeċijiet kollha tal-annimali bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1412 ⁽²⁾ għal perjodu ta' 10 snin.
- (2) Fil-miżura tranżizzjonali stabbilita fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1412, ġiet indikata data żbaljata għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1412 jiġi kkoreġut kif xieraq.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġhalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1412, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-ġhalf kompost u l-materjali tal-ġhalf li fihom is-sustanza kif speċifikat fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel il-11 ta' Settembru 2024 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel il-11 ta' Settembru 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1412 tad-19 ta' Awwissu 2022 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali ilang ilang mill-*Cananga odorata* (Lam) Hook f. & Thomson bħala addittiv tal-ikel għall-ispeċijiet kollha tal-annimali (ĠU L 217, 22.8.2022, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
